# SAN ĠUŻEPP (IL-ĦAMRUN) FL-IMBLOKK TAL-FRANĊIŻI

## minn Joseph Mifsud Matrenza

Is-sena 1998 taħbat il-biċentinarju tal-qawmien patrijotiku tal-Maltin kontra l-ħakma tirranika tal-Franċiżi. Tkun ħaġa flokha jekk din is-sena nfakkru kif fit-2 ta' Settembru 1798, il-Maltin qamu qaqoċċa kontra l-Franċiżi, u jkun tajjeb ukoll li nfakkru fil-ġrajjiet storiċi u glorjużi li seħħu f'San Ġużepp (kif kien magħruf il-Ħamrun mitejn sena ilu) fit-tkeċċija tal-Franċiżi minn Malta. Dawn il-ġrajjiet ifakkruna wkoll kif il-Maltin mix-xejn u fi fti jiem irnexxielhom jorganizzaw ruħhom biex jeħilsu mill-jasar tal-Franċiżi u kif b'erojiżmu, b'determinazzjoni u b'sagrifiċċi kbar ħaduha kontra l-aqwa potenza ta' dak iż-żmien.

Meta l-Franċiżi niżlu l-art fl-11 ta' Ġunju 1798 u bdew resqin lejn il-Belt wara li sabu ftit opożizzjoni, il-Granmastru Hompesch ingħalaq fil-palazz tiegħu u nfexx jibki bħal tarbija. B'mexxej daqshekk dgħajjef, mhux ħaġa kbira li kull attentat biex iwaqqfu l-avanzata Franċiża safa fix-xejn. Bħala l-aħħar attentat, Hompesch ordna lil Kavallier Loraz biex joħroġ mill-Bieb il-Bombi t'300 suldat ħalli jaffronta lil Franċiżi li mit-Triq San Ġużepp kienu resqin lejn il-Belt. Imma l-eluf tas-suldati Franċiżi li kienu taħt il-General Marmont mhux biss tawhom kaxkira u ġiegħluhom jirtiraw talli l-Maltin ħallew l-istandardi tagħhom warajhom.

It-2 ta' Settembru 1798, għandha tkun ikkomemorata b'akbar solennita għax ifakkarna kif qamet ir-rewwiexta minn missirijietna. Il-Maltin kienu rrabjati b'imġieba ħażina tal-Franċiżi għat-tneħħija tal-pensjonijiet, għat-taxxi bla qalb, għall-istupru tan-nisa u tfajliet u għal-serq sagriliġu mill-knejjes. Għalhekk, meta l-Franċiżi marru biex jirkantaw it-tapezzerija u teżori oħra mill-knisja tal-Karmnu ġewwa l-Mdina, il-Maltin qamu għalenija kontra tagħhom. L-allarm ingħata bid-daqq tal-qniepen. Raħal idoqq lil ieħor u fi ftit siegħat l-irvell inxtered ma' Malta u Għawdex. In-nies ta' Ħal Lija u Birkirkara daħlu Sant' Anton, ħadu l-armi kollha li kien hemm u marru San Ġużepp biex jilqgħu l-Franċiżi.

F'daqqa waħda, kulħadd sar suldat. Min ma kellux armi, malajr iddobba xi biċċa għodda bħal mgħasqa, midra, stanga li servew daqs l-armi. Sadanittant

waqqfu żewġ batteriji fuq il-għolja tas-Samra (magħrufa wkoll bħala l-għolja ta' Braxja) kontra l-Farnċiżi. Dawn l-ewwel ma għamlu ġarrfu l-ħitan ta' Triq San Ġużepp, imlewha bi ċnagen kbar ħalli ma jħallux il-kanuni tal-għadu joħorġu minn Bieb il-Bombi.

Meta l-Franċiżi kienu jiftħu n-nar minn wara s-swar, xi suldati kienu jarbulaw kurċifiss li kienu jġibuh mill-knisja tas-Samra li kienet tissejjaħ ukoll ta' Atocia. Dan kien ifisser li l-Maltin kienu lesti li jmutu martri għal art twelidhom u għar-reliġjon.

L-aħbar ta' l-irvell malajr waslet f'widnejn il-General Vaubois. Dlonk huwa ordna li l-bibien tal-Belt jingħalqu u li t-riqat ikunu mgħassa sew. Fl-istess ħin, Vaubois laqqa' kunsill tal-gwerra u amar li jibgħat 200 suldat Franċiż lejn l-Mdina biex ixejjen l-irvell. Imma meta dawn is-suldati waslu ħdejn il-Bieb ta' San Ġużepp (magħruf ukoll bħala l-Bieb ta' Wignacourt) dawn ġew mreġġħin lura mill-Maltin. Il-kmandant tal-Franċiżi ġie maqtul u bosta suldati Franċiżi sfaw midruba.

L-ewwel ħaġa li għamlu l-Maltin meta qamet ir-rewwixta kienet li jiffurmaw gvern proviżorju magħruf bħala Assemblea Nazzjonali. In-Nutar Emanuel Vitale, il-Konti Salvatore Manduca, il-Kanonku Franġesku Saverju Caruana u mexxejja oħra Maltin għarrfu lir-Re Ferdinandu IV taż-żewġ Sqallijiet biex ikun ir-re sovran tagħhom. Fl-istess ħin, huma waqqfu l-Kwartieri Ġenerali fil-quċċata ta' San Ġużepp fil-Palazz ta' l-Iljuni, minfejn kont iġġib il-Bieb tal-Bombi taħt għajnejk.

Imbagħad, meta Captain Ball niżel Malta u mar joqgħod Sant' Anton, huwa laqqa' l-Assemblea Nazzjonali fil-11 ta' Frar 1799 biex jorganizzaha aħjar milli kienet qabel. Huwa ordna li kull raħal ikollu r-rappreżentant tiegħu fl-assemblea ġenerali li dak il-ħin stess bdiet tissejjaħ Kungress. Il-president ta' dan il-Kungress kien Captain Ball. Peress li kien inqala' xi nkwiet bejn il-mexxejja Maltin, Captain Ball u xi fizzjali oħra ndaħlu biex jikkwietaw l-affari, ħalli jkunu jistgħu jkomplu aħjar it-taqbida kontra l-għadu. ~Il-kungress id-deċieda li jaħtar lil Kanonku Caruana bħala Kmandant Ġenerali u lil Emmanuel Vitale bħala ajjutant ġenerali. Xorta waħda, il-Kamp Ġenerali waqa' San Ġużepp.

Il-Ġeneral Vaubois baqa' mistgħaġeb bil-qlubija u d-determinazzjoni li wrew il-Maltin kontra l-qawwiet tiegħu. Għalhekk, huwa talab lil Isqof Labini (l-aħħar isqof barrani f'Malta) biex jikteb lil kappillani kollha ta' Malta u Għawdex

sabiex iħeġġu lis-suldati Maltin iċedu l-armi u terġa' ssaltan il-paċi. Imma meta l-messaġġier wasal San Ġużepp, dan ġie ordnat biex jagħtihom il-messaġġ ta' l-Isqof Labini, ġiegħeluh jistriħ ftit u mbagħad bagħtuh lura lejn il-belt mingħajr risposta.
Il-Franċiżi u l-Maltin tal-Belt bdew iħossu l-effetti ta' l-Assedju aktar mill-Maltin ta' barra s-swar. Dawn ma kellhom l-ebda tama li setgħu jirċievu xi għajnuna minn imkien. Għalhekk il-Maltin magħfusin mill-ġuħ u mill-mard u mbeżżgħin minn xi vendikazzjoni tal-Franċiżi, talbu li l-Ġeneral Vaubois biex għan-nom tagħhom jitolbu lil mexxejja tal-Maltin biex jagħmlu l-paċi. Biex forsi jintlaħaq xi ftehim, huma għażlu lil Dun Gejtanu Mannarino, żewġ saċerdoti oħra u żewġ negozjanti magħrufa biex imorru bik-karozzella ta' l-Isqof Labini lejn il-Kamp Ġenerali tal-Maltin. Lanqas laħqu waslu ħdejn il-Kamp ta' San Ġużepp li ma ġewx arrestati u miżmuma prigunieri.

Il-Maltin aktar qawwew qalbhom bil-wasla tar-reġiment Ingliżi, it-30th East Lancashire u 89th Royal Irish Fusiliers. Ir-riġment tal-Fusiliers stazzjona ruħu fil-Gudja u Ħal Luqa; filwaqt li xi suldati tat-30 riġment intbagħtu fi Triq San Ġużepp u f'tas-Samra biex isaħħu l-għassa ta' dawn iż-żewġ kampijiet. Il-morini Ingliżi kienu ilhom ix-xhur f'dawn iż-żewġ kampijiet. Il-General Graham kien iħoss li t-triq ewlenija ta' San Ġużepp li mill-Bieb tal-Bombi tieħu għal Sant' Anton u l-Mdina għandha importanza strateġika kbira. Għalhekk, huwa ried li tkun mgħassa tajjeb. Din kienet ir-raġuni li Graham poġġa dawn il-morini fil-kamp ta' San Ġużepp u fil-kamp tas-Samra biex jgħassu sew lil Franċiżi li ma jmorrux jagħmlu xi attakk għallarieda.

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar il-mexxejja Maltin bdew jikkoperaw mal-General Graham u Captain Ball ħalli l-assedju ma jitwalx bla bożonn. Il-Maltin bdew iħallu t-tmexxija tal-gwerra f'idejn il-kapijiet Ingliżi. Tant hu hekk, li Captain Ball fit-18 ta' Ġunju 1799 ordna lil fizzjali Maltin f'tas-Samra biex iħallu lis-suldati Maltin jitmexxew minn fizzjali Ingliżi u Naplitani. Din il-bidla saret biex ma jkunx hemm żewġ kapijiet f'post daqshekk importanti. Ħdejn tas-Samra, kien hemm stakkamenti kemm ta' truppi Ingliżi u kemm ta' truppi Naplitani.

Meta l-assedju kien twal sew, l-entużjażmu li wrew il-Maltin fil-bidu tar-rewwixta beda jonqos xi ftit. Il-Maltin li kienu stazzjonati f'San Ġużepp u f'tas-Samra bdew jiskartaw mill-għassa. Malli dawn is-suldati kienu jirċievu r-razzjon tal-ħobż, huma kienu jitilqu mill-post tal-għassa u jmorru jaħdmu fuq ix-xogħol privat tagħhom.

F'tas-Samra kien hemm suldati minn Naxxar li kienu jiskartaw bl-addoċċ. Ball bagħat iwissi lil Kmandant Parisio li l-kmandant tas-Samra kien ilu jilmenta minn Naxxarin li kienu qegħdin jonqsu kull jum mill-għassa. Ball bagħat jgħarraf lil Parisio li jekk ma jsibx rimedju għal dan l-abbuż perikoluż ikun aħjar li dawn is-suldati jintbgħatu lura lejn id-dar għal dejjem.

Anki fil-kamp ta' San Ġużepp kien hemm min kien jiskarta mill-għassa. Għalhekk, il-Kungress ordna li fil-kamp ta' San Ġużepp għandu jkun hemm numru ta' għassiesa kemm meħtieġ. Dawn is-suldati kellhom jinġabru minn Għargħur, Ħal Lija, Ħal-Balzan u Ħ'Attard.

L-assedju kien twal għal Franċiżi wkoll għax dawn kienu jinsabu aktar f'qagħda mwegħra mill-Maltin peress li dawn kienu mdawwrin f'morsa kemm mill-baħar u kemm mill-art. In-nuqqas ta' l-ikel, tal-mediċina u affarijiet oħra ta' saħħa bdew jinħassu sew. Tant kienet kritika l-qagħda tagħhom li l-General Vaubois biex jiffranka l-ikel beda jagħti permess lil Maltin biex joħorġu mill-ibliet u jmorru fil-kampanja. Biex fost in-numru tal-Maltin li kienu joħorġu minn l-ibliet ma jkunx hemm xi spiji Franċiżi, il-Kungress ordna li dawn jiġu nterrogati fil-kamp ta' San Ġużepp, isimhom jitniżżel fuq reġistru u wara jittieħdu jgħixu Għawdex skond l-ordni ta' Ball li kien ħareġ fil-11 ta' Frar 1800.

Il-Maltin meta raw dan l-esodu ta' Matlin ħiereġ mill-ibliet aktar qawwu qalbhom li l-Franċiżi ma tantx għandhom ħajja twila ġewwa s-swar. Minn naħa l-oħra il-Franċiżi biex jagħtu l-impressjoni li għad għandhom moral għoli, bagħtu l-banda militari tagħhom tagħmel programm mużikali barra l-bieb tal-Bombi bejn il-lejl ta' 28 u 29 ta' Ġunju 1800. Malli l-Maltin iddejjqu jisimgħu dawn sparawlhom xi tiri ta' kanun mill-batterija tas-Samra u malajr sfrattawlhom il-festa kollha. Dlonk dabbru rashom u marru jistaħbew wara s-swar.

Il-General Vaubois kien jaf li l-forzi tiegħu kienu mdawwrin minn kullimkien u li kien impossibli li jirċievu xi għajnuna minn x'imkien; fil-waqt li l-Maltin kienu qegħdin jirċievu mingħand ir-Re Ferdinandu taż-żewġ Sqallijiet, bosta għajnuniet materjali, finanzjarji u militari biex ikunu jistgħu jkomplu l-Assedju.

F'Mejju tal-1800, kien hemm tlett kampijiet dak ta' San Ġużepp, dak tal-Għargħur u l-ieħor ta' Ħaż-Żabbar. Bejniethom kellhom sensiela ta' trunċieri bil-kanuni jdawwru f'morsa tal-hadid lil Franċiżi.

Minkejja dawn l-għajnuniet li l-Matlin kienu jirċievu minn Sqallija, fil-kamp ta' San Ġużepp bdiet tinħema l-ħmira biex Malta tingħata lill-Ingliżi. Tant hu

hekk li Borg, il-Braret, tella' l-bandiera Ingliża u l-bandiera Naplitana fil-Għargħur fil-għodwa tad-9 ta' Jannar 1799. L-istess għamel fil-għaxija meta iż-żewġ bnadar ġew imtellgħin fil-kamp ta' San Ġużepp waqt li ngħata s-salut.
Minn meta fi 2 ta' Settembru 1798, il-Maltin qamu kontra il-Franċiżi u blokkawhom fil-belt u fil-Kottonera, il-qagħda għall-Franċiżi bdiet teħżien minn jum għal ieħor. L-imblokk kontra l-Franċiżi tant irnexxa li Vaubois ma setax jirreżisti aktar. Maħkun kif kien mill-ġuħ, mill-mard u mill-imwiet. Meta ra li ma kienx fadallu tama minn imkien u meta ra li ma kienx fadallu razzjon ta' tlett ijiem, huwa ċeda lil General Pigot fil-5 ta' Settembru 1800.

Għalkemm f'dan l-assedju, il-poplu Malti ftaqar, bata l-ġuħ, ġarrab ħafna mard u tilef eluf ta' nies biex jiġġieled għal art twelidu l-ebda rappreżentanza Maltija ma dehret fil-kapitulazzjoni tal-Franċiżi tal-5 ta' Settembru 1800. Major Pigot deherlu lil l-Maltin ma kellhomx jieħdu parti f'din il-kapitulazzjoni. Permezz ta' din il-kapitulazzjoni l-Maltin għaddew taħt il-protezzjoni Ingliża.

Rajna kemm ir-raħal ta' San Ġużepp (illum il-Ħmarun) issemma fl-imblokk tal-Franċiżi minħabba l-pożizzjoni strateġika tiegħu. Imma meta l-Kungress Ġenerali maħtur mill-poplu li kien jikkonsisti f'104 rappreżentant biex jagħmel id-dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Maltin lil Ingilterra fil-15 ta' Ġunju 1802, ma nsibu l-ebda rappreżentant ta' San Ġużepp għax dan kien raħal kellu ftit nies biex ikun rappreżentant.


# T. TABONE

**BEDDING PRODUCTS**
**PRAMS AND TOYS**

716, St. Joseph Street, Ħamrun
**(Opposite Broad Street)**

Telephone: 238595